# CD/2016 CD/HR Ċirkular Nru. 1/2016 - Pożizzjoni ta' *Senior Policy Officer* fil-Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar

## MEIB/2016 **CD/HR ĊirkularNru. 1/2016**

Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar

Dipartiment tal-Kummerċ

Is-Sur ta' Lascaris

Daħlet Ġnien is-Sultan

Valletta

VLT 1933

14 ta' Lulju, 2016

Lis-Segretarji Permanenti

Lid-Diretturi Ġenerali

Lid-Diretturi

Lill-Kapijiet ta' Organizzazzjonijiet fis-Settur Pubbliku

**POŻIZZJONI TA' *SENIOR POLICY OFFICER***

**FIL-MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, INVESTIMENT U INTRAPRIŻI ŻGĦAR**

(Skont l-*HR Plan* tal-Ministeru għas-sena 2016)

*Skont klawsola 3.1(l) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

1. Id-Direttur Ġenerali (Kummerċ), Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar jilqa' applikazzjonijiet minn Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, impjegati tas-Settur Pubbliku li qed iwettqu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku u ħaddiema tal-RSSL għall-pożizzjoni ta' *Senior Policy Officer* fid-Dipartiment tal-Kummerċ, fil-Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar. Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta li huma ssekondati/mislufin/*detailed/deployed/attached* ma' Organizzazzjonijiet fis-Settur Pubbliku jistgħu japplikaw ukoll.

**Tul tal-*assignment* u kundizzjonijiet**

2.1 Il- persuna magħżula tidħol f'*assignment* immedjat ta' madwar tnax (12) –il xahar bħala *Senior Policy Officer* fid-Dipartiment tal-Kummerċ, Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar.

Dan l-*assignment* ma jista' bl-ebda mod idum aktar mit-13 t'Awwissu 2017. Il-persuna magħżula mistennija li tibda l-*assignment* tagħha ġewwa Ġinevra fit-tieni nofs ta' l- 2016.

2.2 Il-pożizzjoni ta' *Senior Policy Officer* hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax ( 12) –il xahar.

2.3 Peress li din hi pożizzjoni marbuta ma' terminu ta' żmien fiss jew tkomplija ta' biċċa xogħol speċifika, il-pożizzjoni ta' *Senior Policy Officer* taqa' taħt Regolament 7(4)(d) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolata "Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss."

**Salarju marbut mal-pożizzjoni**

3. Is-salarju għall-pożizzjoni ta' *Senior Policy Officer* huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 7 (bħalissa € 25,231 fl-2016). Barraminhekk, il-persuna magħżula tirċievi l-istess pakkett ta' kumpens f'termini ta' benefiċċji u *allowances* li jingħataw lill-uffiċjali pubbliċi fl-ogħla grad diplomatiku ta' Konslu (Skala ta' Salarju 7). Dan japplika għall-perjodu li fih il-persuna magħżula tkun qegħda taqdi dmirijietha ġewwa Ġinevra fl-Iżvizzera.

**Dmirijiet**

4**.** Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' *Senior Policy Officer* jinkludu:

(a) Assistenza fil-preparazzjoni ta' *Policy Papers*, dokumentazzjoni analitika u ta' sfond ta' istruzzjonijiet, sommarji, rapporti, kif ukoll riċerka li tappoġja attivitajiet fid-Dipartiment tal-Kummerċ ġewwa l-Ministeru ta' l-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar. Dan jinkludi primarjament xogħol relatat mal-*World Intellectual Property Organisation* (WIPO), politika li tirrigwardja xogħol relatat mal- politika relata ma' affarijiet ta' l-Unjoni Ewopeja interna u esterna, affarijiet istituzzjonali, kif ukoll relazzjonijiet bilaterali u multilaterali. Għandhom ukoll jiġu segwiti laqgħat dwar l-*Agreement on Trade related aspects of Intellectual Property Rights (TRIPS)* ta l-*World Trade Organisation* ;

(b) Twettiq ta' dmirijet ta' rappreżentanza f'Malta kif ukoll barra minn Malta, speċjalment f'Ġinevra, l-Isvizzera u Brussell fil-Belġju, sabiex Malta ssaħħah l-objettivi tal-politika tagħha dwar il-propjeta' intelletwali, b'mod partikulari l- laqghat tal-WIPO u tal-WTO relatati mat-TRIPS li jinkludi parteċipazzjoni f' konferenzi u laqgħat tal-WTO skond kif mitlub mid-Direttur għar-Reġistrazzjoni ta' Propjeta' Intelletwali u d-Direttur Ġenerali (Kummerċ). Dan jinkludi wkoll il-produzzjoni ta' rapport dwar il-proċediment ta' dawn il-konferenzi u l-laqgħat. L-uffiċjal għandu jkopri wkoll laqgħat tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropeja, skond il-ħtieġa, partikolarment meta dawn ikunu relatati ma' materji diskussi mill-WIPO.

(ċ) Parteċipazzjoni f'attivitajiet b'konnessjoni mal-promozzjoni tar-relazzjonijiet politiċi, kummerċjali, u ekonomiċi ta' Malta, fuq bażi reġjonali kif ukoll dik bilaterali ;

(d) Tassisti lill-President fuq kwistjonijiet li għandhom x' jaqsmu mal-WIPO fil-grupp ta' ħidma tal-Proprjeta Intellettwali tal-Kunsill tal-Ewropeja , billi tattendi dawn l-istess laqgħat jew fir-rwol ta' deputat president.

(e) Assistenza fil-preparazzjonijiet loġistiċi u organizzazzjonali, b'mod partikulari fir-rigward tal-Presidenza ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja ; skont kif meħtieg, sabiex isiru avvenimenti, attivitajiet u laqgħat organizzati mill-Ministru ;

(f) Tmexxija korretta u koordinament ta' dmirijiet amministrattivi li jinkludi xogħol relatat ma' finanzi u riżorsi umani, kemm fid-Dipartiment tal-Kummerċ jew fir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta ġewwa n-Nazzjonijiet Uniti f' Ġinevra, l-Iżvizzera ;

(ġ) Dmirijiet oħra relatati skond l-eżiġenzi tas-servizz skond id-direzzjoni mogħtija mid-Direttur Ġenerali (Kummerċ), mis-Segretarju Permanenti u/jew ir-rapreżentant/a tiegħu/tagħha ;

(ħ) Dmirijiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku skond id-direzzjoni mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Aktar dettalji dwar id-dmirijiet marbuta ma din il-pożizzjoni jistgħu jinkisbu mill-uffiċju ta' l-Assistent Direttur għas-Support Services, id-Dipartiment tal-Kummerċ, Is-Sur ta' Lascaris, Ġnien is-Sultan, Valletta, VLT 1933.

**Rekwiżiti tal-eliġibbilta'**

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu Uffiċjali Pubbliċi jew ħaddiema tas-Settur Pubbliku li qed iwettqu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku jew ħaddiema tal-RSSL li:

i (a) huma ċittadini ta' Malta;

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Malti u l-Ingliż, filwaqt li għarfien ta' lingwa oħra Ewropeja (preferribilment il-Franċiż) ikun meqjus b'mod favorevoli;

(iii) ikollhom kwalifika fl-livell MQF 7 tal-MQF b'minimu ta' 90 ECTS/ECVETS jew ekwivalenti, fl-Istudji Ewropej, Relazzjonijiet Internazzjonali, fil-Liġi Internazzjonali, jew f'xi qasam ta' studju ieħor li huwa adekwat, rikonoxxut u kumparabbli, flimkien ma' sena (1) esperjenza f'xogħol relatat, jew

(iv) ikollhom kwalifika fl-livell MQF 6 tal-MQF b'minimu ta' 180 ECTS/ECVETS jew ekwivalenti fil-*European Studies, International Relations*, studji legali, jew kwalifika oħra adekwata, rikonoxxuta u kumparabbli, flimkien ma' tliet (3) snin esperjenza f'xogħol relatat jew

(v) ikunu fi Skala ta' Salarju mhux inqas minn Skala 10 fis-Servizz Pubbliku, jew f'livell ta' responsabbiltà kumparabbli fl-RSSL jew entità oħra tas-Settur Pubbliku, u jkollhom sitt (6) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti.

Biex jiġi dditerminat il-livell ta' responsabbiltà tal-impjegati tas-Settur Pubbliku li bħalissa qed iwettqu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku u tal-ħaddiema tal-RSSL kumparabbli mal-livell ta' responsabbiltà tal-pożizzjoni riklamata, il-Bord tal-Għażla għandu dejjem u formalment jikkonsulta mad-Direttur/HR *Manager* responsabbli tal-entità rispettiva tas-Settur Pubbliku.

L-arranġament preżenti, fejn ħaddiema tas-Settur Pubbliku li qed iwettqu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku jibqgħu fuq il-kotba tal-entità rispettiva, jibqa' japplika, bil-kunsens tal-entità, f'kas li ħaddiema tas-Settur Pubbliku li jintgħażlu għall-pożizzjoni. Ħaddiema tal-RSSL jibqgħu fuq il-kotba tal-kumpanija.

Fl-eventwalità li ħaddiema tal-RSSL jottjenu l-istat indefinit fis-Servizz Pubbliku skont il-L.S. 452.81, l-impieg tagħhom mal-RSSL jiġi tterminat.

Sakemm il-ħaddiema tal-RSSL ma jiħdux l-istat indefinit mas-Servizz Pubbliku wara erba' snin fil-pożizzjoni skont il-L.S. 452.81, il-persuni maħtura jkunu intitolati jerġgħu lura għall-pożizzjoni li kellhom mal-RSSL bis-salarju li kellhom mal-RSSL.

Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbilità, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki imsemmija hawn fuq formalment xorta jiġu ikkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew appovati għall-għoti tal-kwalifiki imsemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa ghall-applikazzjonijiet.

5.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafu 5.1, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

5.3 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw il-provvedimenti ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-link aktar 'l isfel).

http://www.ncfhe.org.mt/content/home-malta-qualifications-recognition-information-centre/52002817/

5.4 Deskrizzjoni dettaljata ta' din il-pożizzjoni tista' tinkiseb mill-uffiċju ta' l- Assistent Direttur għas-Support Services fid-Dipartiment tal-Kummerċ fuq stephanie.g.chetcuti@gov.mt.

**Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni**

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati.

6.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

**Proċeduri tal-għażla**

7. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija mija (100) u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija ħamsin (50).

**Sottomissjoni tal-applikazzjoni**

8. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *Service and Leave Record Form* (GP 47) aġġornat jew ekwivalenti f'kas ta' applikanti li mhumiex Uffiċjali Pubbliċi, u *curriculum vitæ* dettaljat, jintlaqgħu fl-uffiċċju ta' l-Assistent Direttur għas-Support Services (Attn: Fergħa tar-Riżorsi Umani) fil-Dipartiment tal-Kummerċ, Is-Sur ta' Lascaris Daħlet Ġnien is-Sultan, Valletta, VLT 1933 sa mhux aktar tard **min-nofs in-nhar** *(Central European Time)* **ta' nhar il-Ħamis 4 t'Awwissu 2016** .L-applikazzjonijiet jistgħu ukoll jiġu sottomessi permezz tal-*Online Government Recruitment Portal* fuq http://recruitment.gov.mt sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, kif indikat hawn fuq. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fil-provvedimenti ġenerali msemmija hawn isfel.

**Provvedimenti ġenerali oħra**

9. Provvedimenti ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-

- kundizzjonijiet applikabbli oħrajn*;*
- bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilità;
- sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
- pubblikazzjoni tar-riżultat;
- il-proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
- aċċess għall-formola tal-applikazzjonijiet u dettalji relatati;
- żamma ta' dokumenti

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fl-indirizz http://opm.gov.mt/en/PAHRO/RESOURCING/Pages/Forms%20and%20Templates/Forms-and-Templates.aspx jew jinkisbu mill-Uffiċju ta' l-Assistent Direttur għas-Support Services (Attn: Fergħa tar-Riżorsi Umani), id-Dipartiment tal-Kummerċ, Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intraprizi

Żgħar, Lascaris, Valletta, VLT 1933. Dawn il-provvedimenti ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Direttorat huma http://www.commerce.gov.mt u stephanie.g.chetcuti@gov.mt .

**Godwin Warr**
Direttur Ġenerali
Dipartiment tal-Kummerċ
Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar

SC